**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 04/22**

**Data:** It-Tnejn, 25 ta' April 2022
**Ħin:** 18:04 pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-18:19hrs)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

- **04.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
- **04.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
- **04.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
- **04.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
- **04.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**
- **04.06** **Xgħolijiet;**
- **04.07** **Tenders;**
- **04.08** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
- **04.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
- **04.10** **Mozzjonijiet; u**
- **04.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li Abela ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba xogħol u li Camilleri ma setatx tattendi għal laqgħa peress li tinsab indisposta. | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 03/22 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 4 2 1 | | Fenech: CulturALLA | Jiżdied - Fenech talbet lill-kunsillier responsabbli mill-kultura Chircop sabiex jitla' hu għal dan il-meeting pero ma setax. Wara ġie magħżul Angelo Caruana peress li dan kien jittrata dwar il-preparazzjoni, finanzi u l-immaniġjar tal-proġett. | Fenech |
| 4 2 2 | | Viċi-Sindku | Il-laqgħa saret online u mhux fl-uffiċċini tal-Kunsill. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 3 | 03.02.05 | Fenech: Problema bil-ħmieġ tal-ħamiem | Fenech qalet li ġie installat feeder fuq is-sala tal-knisja u ser jiġi nstallat ieħor dalwaqt fuq Paola Freire Institute. Irridu jitwaħħlu t-tabelli fl-immedjat. | Fenech |
| 04. | 2 | 4 | 03.02.09 | Viċi-Sindku: Misraħ is-Suq | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-pjanta ta' qabel beda x-xogħol f'Misraħ is-Suq ma ratiex. Is-Sindku wieġbet li fl-ewwel laqgħa ta' Jannar li saret *online*, din il-pjanta ġiet ixxerjata ma' dawk li kienu preżenti għall-laqgħa taż-17 ta' Jannar, iġifieri qabel beda x-xogħol u kull minn ressaq xi suġġerimenti dwar tibdil dawn kollha ntbagħtu lill-perit konċernat. Qalet ukoll li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru għand il-Ministru Borg lura fl-2019 u wara li tlabna *underground parking*, qalilna li fondi għalissa għad m'hemmx. Il-Viċi-Sindku staqsiet ukoll dwar l-entratura li ser tiġi magħluqa u meta s-Sindku tkellmet mal-perit dan ma qabilx minħabba s-sigurta'. Il-Viċi-Sindku qalet ukoll li *changing room* ma hemmx fil-pjanta tal-latrina. Staqsiet ukoll dwar il-lokazzjoni tal-bejjiegħa. Is-Sindku qalet li biex issir *changing room* irid jitneħħa toilet u li hi kellha laqgħa mal-union li jmexxi s-suq sabiex jintlaħaq ftehim dwar dan. | Sindku |
| 04. | 2 | 5 | 03.02.11 | Fenech: Dawl fl-Skate Park | Fenech staqsiet dwar kinx hemm żviluppi dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jipprova jikkordina laqgħa man-Nexos Street Lighting u l-Enemalta sabiex isir pjan biex dan jerġa jinxtgħal. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 2 | 6 | 03.02.12 | Viċi-Sindku: Triq Bugħarbiel | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar din it-triq u jekk hux ser issir one-way. Dwar dan is-Sindku qalet li m'għandniex inwebblu n-nies li ser issir qabel tkun ittieħdet id-deċizzjoni. Jista' jitneħħa parkeġġ biex tissolva ftit l-problema. | Sindku |
| 04. | 2 | 7 | 03.02.13 | Sindku: Sqaqin | Il-Viċi-Sindku saqsiet dwar il-problema li kellna mal-W.S.C. Is-Sindku qalet li fi Triq San Franġisk il-W.S.C. proponew li jsir id-drenaġġ pero dwar dan ma kinx hemm qbil dwar il-prezz mal-kuntrattur li ser iwettaq ix-xogħol. Il-Viċi-Sindku talbet kjarifika dwar dan. Bħalissa x-xogħol jinsab wieqaf sakemm ikun hemm qbil. | Sindku |
| 04. | 2 | 8 | 03.02.15 | Viċi-Sindku: Librerija | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar jekk kinx hemm żviluppi dwar dan. Is-Sindku qalet li ser nitkellmu mal-Onor. Ministru Owen Bonnici u ser nitkellmu dwar dan miegħu. Is-Sorijiet tad-Dar Qalb ta' Ġesu' offrewlna s-sotterran, pero dan huwa ħafna umduż u mhux aċċessibli. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 9 | 03.06.01 | Viċi-Sindku: CulturALLA | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan il-proġett. Fenech qalet li dan huwa proġett mifrux fuq sentejn sabiex inħeġġu ż-żgħażagħ ikollom sehem dirett fil-kultura. Hemm diversi proġetti żgħar u ser jinkludi diversi żgħażagħ. | Fenech |
| 04. | 2 | 10 | 03.06.06 | Chircop: Kompetizzjoni tal-fotografija | Chircop qal li din saret u daħlu l-fuq minn 160 ritratt. Dawn ser jiġu evalwati u jintgħażlu sett sabiex jiġu printjati fuq size A3 ġol frames għas-sala tal-Kunsill. L-oħrajn jistgħu jiġu utilizzati f'postijiet oħra. Irringrazzja lil Grupp 360 għal mixja li saret fl-10 t'April, bl-attendenza ta' madwar 50 ruħ. | Chircop / Sindku |
| 04. | 2 | 11 | 03.06.07<br>03.06.08 | Viċi-Sindku: Fuljett u kompetizzjoni | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar għalfejn ma sarx il-fuljett. Chircop qal li dan ma sarx peress li l-wirjiet kienu ftit, mill-għaqdiet biss. Staqsiet ukoll dwar Xir Cammini, Chircop spjega dwar din il-mixja. Chircop żied jgħid li lanqas il-kompetizzjoni ma saaret minħabba dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni. | Chircop |
| 04. | 2 | 12 | 03.06.09 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li n-nomini ser jiftħu għada sas-27 ta' Mejju. Qal ukoll li ser jingħataw l-erbgħa kategoriji li jingħataw is-soltu. | Chircop |
| 04. | 2 | 13 | 03.06.10 | Chircop: Xir Cammini | Chircop qal li saret l-ewwel mixja li kienet miftuħa għall-membri biss. Din ser tibda ssir fuq livell nazzjonali u tispiċċa ż-Żejtun fit-12 ta' Marzu u l-Ħadd ta' qabel il-25 ta' Novembru. | Chircop |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/22. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | Sindku | Is-Sindku irringrazzjat lil dawk kollha li urew sogħba u attendew għal funeral ta' oħtha li ħallietna għall-ħajja aħjar. | |
| 04 | 3 | 2 | | Sindku: Laqgħa | Is-Sindku qalet li Chircop u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-INDIS Malta fil-15 ta' Marzu dwar l-iżvilupp li qed isir fiż-żona industrijali ta' Bulebel. Ġejna infurmati li l-parti ODZ li baqa' ma tiġix żviluppata. Sadanitant tlabna li ningħataw fondi mill-iżviluppatur, sabiex isir proġett għall-komunita'. Kien hemm preżenti s-CEO ta' INDIS Malta s-sur Joe Attard. | Chircop / Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 3 | | Sindku: Restawr tas-salib tal-pjazza | Is-Sindku qalet li fil-21 ta' Marzu saret it-tnehdija sabiex INDIS Malta tiffinanzja r-restawr tas-salib li jinsab il-pjazza. Ser isir restawr fuq is-salib, il-ħadid u l-pavimentar. Dan ser isir minn Lapis Curet u ser jiswa €3,481. Nirringrazzjaw lill-Onor. Ministru Owen Bonnici għal din il-proposta u li kien preżenti waqt it-tnehdija. | Sindku / Chircop |
| 04 | 3 | 4 | | Sindku: Donazzjoni ta' kotba | Is-Sindku qalet li flmikien mal-kunsillier Chircop, fl-4 ta' April, marru l-Malta Libraries fejn taw donazzjoni ta' sett kotba li ser tingħata kopja lil-libreriji kollha madwar Malta u d-djar tal-anzjani kollha. | Sindku / Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 5 | | Sindku: Miżuri tal-GAL Xlokk | Is-Sindku qalet li fis-7 ta' April kien hemm laqgħa dwar il-miżuri maħruġa mill-GAL Xlokk li huma Miżura 1, 2 ,3 u 4. Miżura 1 hija fuq restawr u ser napplikaw għal faċċata ta' Ġnien il-Kmandant. Il-Viċi-Sindku semmiet l-Arti u Artiġjanat, pero Chircop qal li qed ikollna problema kbira għal clearance minn naħa tal-lands. | Sindku |
| 04 | 3 | 6 | | Sindku: Żvilupp fi Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-iżviluppatur fejn sostnew fuq il-problema ta' parkeġġ u konġestjoni li ser tinħoloq konsegwenza ta' dan l-iżvilupp. | Sindku |
| 04 | 3 | 7 | | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun Nofsinhar | Is-Sinku qalet li konna mistiedna mir-Reġjun Nofsinhar fejn itella' seminar dwar il-Ġimgħa l-Kbira u sar ġewwa d-Domus. L-attendenza minn naħa tal-kunislliera kienet fjakka. | Sindku |
| 04 | 3 | 8 | | Sindku: Restawr tal-Knisja ta' San Klement | Is-Sindku qalet li applikajna mad-Direttorat tar-Restawr sabiex isir ir-restawr meħtieġ. Għandna wkoll la-pprovazzjoni tal-Arċipriet peress li din hija propjeta' tal-knisja. | Sindku / Chircop |
| 04 | 3 | 9 | | Sindku: Van elettriku | Is-Sindku qalet li fl-ewwel u t-tieni sejħa, ħadd ma' tefa' l-offerta tiegħu. Ser niċċekjaw jekk nistgħux noħorġu direct order għall-vettura approvata mill-European Mobility Week u tender għall-żewġ vetturi mill-LESA. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | |
| 04 | 3 | 10 | | Viċi-Sindku: Ħajt perikoluż tal-kunsill | Hemm bżonn jitwaqqa' ħajt fil-ġnien għax jinsab perikoluż. Ġa tkellimna mal-ġirien u ser ikun qed isir ix-xogħol fuqu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 11 | | Sindku: Librerija | Is-Sindku qalet li kellna talba mill-iskola Primarja B sabiex il-librerija tiftaħ siegħa iktar nhar ta' Erbgħa biex takkomoda aktar lit-tfal tal-iskola. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | |
| 04 | 3 | 12 | | Sindku: Tabelli fi Sqaq Marsaxlokk | Is-Sindku qalet li l-kunsillier Ray Caruana qala t-tabelli ta' Sqaq Marsaxlokk kontra kull regola. Staqsiet meta ser jerġgħu jitwaħħlu. | Caruana |
| 04 | 3 | 13 | 10 | Waste Collection Proposal site | Ma kinx hemm qbil dwar dan. | |
| 04 | 3 | 14 | 20 | Janice Caruana | Kien hemm proposta li Triq ġdida fi Triq Carmelo Carabott tiġi Triq il-Majjistri. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Chircop |
| 04 | 3 | 15 | 25 | The Notebook centre | Ma kinx hemm qbil dwar dan li il-kuntratt jerġa jiġġedded. | |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 4 | 1 | | Viċi-Sindku: Triq il-Faqqus | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser titkompla l-parti l-oħra tat-triq. Is-Sindku qalet li saret il-biċċa li aħna ma xtaqniex issir l-ewwel. Qed nagħmlu pressjoni biex din issir. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4 2 | | Viċi-Sindku: Pelican lights | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser jinxtgħelu l-pelican lights fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. | |
| 04. 4 3 | | Viċi-Sindku: Linji sofor | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser isiru l-linji sofor fi Triq il-President Anton Buttiġieġ. Baldacchino qal li dawn bdew imma kellna problema. | Sindku |
| 04. 4 4 | | Fenech: Ittri ta' awguri | Fenech qalet li għandna nibgħatu ittri ta' awguri lill-dawk eletti fil-parlament. | |
| 04. 4 5 | | Chircop: Festa ta' San Girgor | Chircop qal li din il-festa din is-sena ma sar kważi xejn. Infurmat li din mhux ser tibqa' taħt Festivals Malta. Ser nitkellmu mal-Onor. Bonnici dwar nistgħux nibdew nieħdu fondi għaliha. | Chircop |
| 04. 4 6 | | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li l-applikazzjonijiet fetħu u diġa beda dieħel il-materjal letterarju. | Chircop |
| 04. 4 7 | | Chircop: Tifkira tal-Gwerra | Chircop qal li fit-8 ta' Mejju ser issir it-tifkira kommemorattiva fejn il-monument. Bħas-soltu ser ikunu mistiedna l-għaqdiet. | Chircop |
| 04. 4 8 | | Chircop: Billboard | Chircop qal li hemm bżonn jiġi rranġat malajr kemm jista' jkun dan il-billboard. | |
| 04. 4 9 | | Viċi-Sindku: Zebra crossing | Staqsiet dwar meta ser issir din iz-zebra crossing fi Toni Zahra. | Sindku |
| **04. 5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. 5 1 | | Baldacchino: Żbir ta' siġar | Baldacchino qal li qed jitkellem mal-kuntrattur dwar fejn hemm bżonn żbir ta' siġar. | Baldacchino |
| **04. 6.** | | **Xgħolijiet;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li dalwaqt jibda x-xogħol fuq Misraħ ta' Pizzuta mill-kuntrattur. Ser isir root barrier minħabba l-għeruq tas-siġar u jiġu rranġati l-bankini. | |
| 04. 6. 2 | | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li ser napplikaw għal fondi sabiex isir restawr tal-faċċata ta' Ġnien il-Kmandant. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 6. 3 | | Sindku: Pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li l-fondi allokati għal dan il-proġett huma €83,000 u illum kellha laqgħa mal-perit sabiex jipproponilna disinn għal dan il-paviment. | Sindku |
| 04. 6. 4 | | Sindku: Ħal Tmin | Is-Sindku qalet li applikajna għal fondi ta' *Green Infrastructure* minn Ambjent Malta sabiex isir il-proġett. | |
| **04. 7.** | | ***Tenders;*** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-kuntrattur Owen Borg huwa dak il-kuntrattur li ħa t-tender għal knis tal-lokal wara li ġie aġġudikat.<br>Semmiet ukoll it-tenders li jridu jerġgħu jinħarġu għall-vetturi elettriċi. | |
| **04. 8.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 8. 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li fis-Sajf jerġa jibda l-Kids Club. | Viċi-Sindku |
| 04. 8. 2 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li ser jiġi organizzat weekend break bejn il-Ġimgħa, 13 u l-Ħadd, 15 ta' Mejju. | Viċi-Sindku |
| 04. 8. 3 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li ser tiġi organizzata ġurnata Sqallija bl-ajru fil-21 ta' Mejju. | Viċi-Sindku |
| 04. 8. 4 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li ser tiġi organizzata ġurnata Sqallija bil-katamaran. | Viċi-Sindku |
| 04. 8. 5 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li din is-sena ser terġa tirritorna Żejt iż-Żejtun u diġa beda x-xogħol fuqha. Kien hemm diskussjoni dwar x'jista' jiġi rranġat u ġie propost li ssir laqgħa mal-għaqdiet. | Viċi-Sindku |
| 04. 8. 6 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li kienet mistiedna bħala membru tal-bord, għal proġett li sar minn Gal Xlokk f'Folignio l-Italja fejn saru diversi workshops, kollha relatati maż-żebbuġ. Dan ser ikompli hawn Malta. | Viċi-Sindku |
| 04. 8. 7 | | Fenech | Fenech qalet li qed isiru sezzjonijiet ta' Zumba, Sabata u aerobics. Qed isir ħlas minn kull parteċipant u l-kunsill qed jingħata sehem minnu għal ispejjes. | Fenech |
| 04. 8. 8 | | Chircop | Chircop qal li fit-18 ta' Marzu tpoġġiet kuruna quddiem in-niċċa ta' San Ġużepp. | Chircop |
| 04. 8. 9 | | Chircop | Chircop qal li ser jiġi ppublikat ktieb dwar snajja' fiż-Żejtun. Ser jinġabru l-kwotazzjonijiet u tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Gal Xlokk sabiex inġibu l-fondi għal dan. | Chircop |

**04. 9.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 9. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/22 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 9. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 04/22 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 9. 3 | | *Petty Cash* - April 2022 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €47.70. | Segretarju Eżekuttiv |

**04 10** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 10 1 | | | Ġiet imressqa proposta sabiex Triq l-Aħħar Ħbit sa sa Ġebel San Martin tiġi Mogħdija Ħabel l-Aħmar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | |

**04 11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:20 pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |